# Il-Mogħoż

*J.C Camilleri*

Daqs 50 sena ilu r-raħal ta' Ħal Tarxien kien ċentru żgħir maqtugħ mill-bqija tal-irħula. L-għelieqi kienu għadhom ħaġa ewlenija fir-raħal. L-uniku rabta mal-bqija tal-pajjiż kienu n-naħat ta' fejn l-Erwieħ bit-toroq li jagħtu għal Raħal Ġdid bħalma ngħidu aħna – Triq San Ġużepp u Triq is-Sorijiet. L-aqwa xogħol f'Ħal Tarxien kien il-manufattura tal-karrettuni u l-merħliet tal-mogħoż.

L-aqwa ċentru tal-merħliet tal-mogħoż kien id-distrett ta' Wara l-Bjut. Ħamsin sena ilu Wara l-Bjut kellu triq dejqa, dejqa, parti mit-triq Santa Marija. Fuq naħa waħda kien hemm l-isqaqien, wieħed wara l-ieħor. Fil-qalba ta' Wara l-Bjut kien hemm il-forn tal-Gramm – Karmelu Bezzina, l-ikbar tifel ta' Ġużeppa (magħrufa bħala n-Nuċa) u Franġisk Bezzina. Ftit passi 'l isfel kien hemm Rajmondu Manicaro (bejjiegħ tal-frott u ħaxix).



### *Il-mogħoż*

F'dan id-distrett kien hemm diversi irġiel li kellhom merħliet tal-mogħoż. Dar minnhom kienet tintuża biex jinżammu waħda minn dawn il-merħliet. Kull filgħodu l-mogħoż kienu jinħarġu. Xi merħla kienet tiġbed lejn Sardinja. Għat-Tarxiniżi ta' dawk iż-żminijiet Sardinja jew aħjar l-isqaq ta' Sardinja kienet żona mimlija għelieqi. Għalqa wara għalqa, bil-ħitan tas-sejjieħ bil-ħsejjes tal-ilma ġieri. Ir-ragħaj kien ikun jaf minn qabel fejn kien seta' jieħu l-merħla.

F'dawk iż-żminijiet jien kont nogħqod fi Triq Santa Marija u niftakar sewwa. F'xi ħin tal-jum, kienet tgħaddi waħda minn dawn il-merħliet. Waqt li kienu għaddejjin xi mogħża kienet tieqaf biex tipprova tiekol xi karta jew ċarruta li kienet tkun fl-art. Waqt li kienu għaddejjin kont tara għadajjar żgħar ta' urina u anke ħmieġ bħal żibeġ suwed (redus). Mhux ta' b'xejn għall-Maltin il-mogħża kienet meqjusa bħala annimal moqżież.

### *Il-bejjiegħa*

Niftakar lil ommi tirrakkonta li missierha, li għamel żmien twil bil-mogħoż, kien jieħu grupp minnhom kuljum u jiġbed lejn Ħaż-Żabbar. Kien wara jkompli jimxi lejn l-Isla fejn kien ibiegħ il-ħalib. Skont ommi, meta missierha kien jidħol l-Isla, kien issib post fejn jorbot il-grupp żgħir tal-mogħoż. Qabel jitlaq kien jieħu miegħu waħda jew tnejn. Wara jibda jdur u jħabbat il-bibien tan-nies.



In-nies kienet toħroġ bil-bott f'idejhom. Minn jitlob b'sold u anke minn inqas. Xi uħud kienu jixtiequ ftit aktar u hawn kien ikun hemm bħal ġlieda żgħira bejn nannuwi u l-klijent. Wara li kien idur it-toroq tal-Isla, naturalment dawk li kienu f'idejh, kien jerħila lejn Ħal Tarxien.

### *Il-mard tad-deni rqiq*

Skont xi kittieba u nies tax-xjenza l-ħmieġ tal-mogħża u nuqqas ta' iġene welled il-marda tad-deni rqiq fost il-poplu Malti. S'hawn il-gvern kolonjali Ingliż ftit qomos. Iżda meta din il-marda daħlet fost is-suldati Ingliżi stazzjonati f'Malta l-istorja daħlet f'kapitlu ġdid. Kienet inħatret kummissjoni biex tistħarreġ din il-marda. Pass ieħor seħħ fl-1938 meta għall-ħabta ta' Mejju l-Gvern kolonjali kien waqqaf ċentru għall-pasturazzjoni tal-ħalib.



F'dawk iż-żminijiet fost il-tobba Maltin kien hemm wieħed li kien qed jaħdem fuq din il-marda. Dan kien Sir Temi Zammit.

Meta din l-intrapriża bdiet tagħti riżultati tajba l-Gvern Kolonjali kien għamel kuraġġ. Fis-sena ta' wara ħareġ ordinanza li biha l-bejgħ tal-ħalib kien ipprojbit fit-toroq tal-Belt Valletta. Aktar tard din l-ordinanza bdiet tgħodd għall-bliet u l-irħula l-oħra.

Ordinanza bħal din tat daqqa ta' stallett lir-rgħajja tal-merħliet tal-mogħoż. In-numru ta' rgħajja beda jonqos u aktar ma beda jgħaddi ż-żmien in-numru tal-merħliet f'Ħal Tarxien beda jonqos. Daqqa oħra għar-rgħajja kien il-pass li ħa l-gvern biex jodħol il-ħalib tal-baqra minflok dak tal-mogħża. Mill-fabbrika tal-ħalib fil-Ħamrun kienu jaslu fliexken tal-ħġieġ b'żewġ kuluri ta' tappijiet. Il-kulur isfar kien tal-ħalib tal-mogħża u l-kulur abjad kien tal-ħalib tal-baqra. Kien hemm żmien meta kien hemm tappijiet blu li kien tal-ħalib tat-trab.

***Saħħa lir-raħħal***

Dan it-tibdil kien ifisser ħafna għall-poplu ta' Ħal Tarxien. Il-merħliet spiċċaw mit-toroq tar-raħal.



Wara l-Bjut, parti minnu twaqqa' biex Triq Santa Marija saret aktar wiesa'. Fis-snin sittin iż-żona ta' Bulebel saret mimlija bil-fabbriki. Għall-ħabta tas-sitta ta' filgħodu, karozza wara karozza kienet tgħaddi minn Triq Santa Marija mimlija daqs bajda bit-tfajliet, magħrufa bħala t-tfaljiet tal-fabbriki. Id-domanda tal-ħalib tal-baqra kienet tfisser raħħala ġodda fir-raħal. Ta' Mazzuni u Ta' Mona bdew ikabbru l-baqar. L-ewwel wieħed bejn Ħal Tarxien u l-Fgura u t-tieni fl-għelieqi li jagħtu fuq it-triq bejn Ħal Tarxien u l-Gudja.

***Illum***

Il-ħalib tal-mogħża reġa' daħal fis-suq. Skont l-istudjużi dan il-ħalib hu ferm aħjar minn dak tal-baqra għaliex ma tantx fih xaħam. Tgħid wara l-butir tal-mogħża, il-ġobon tal-mogħża għad naraw il-ħalib tal-mogħża ppasturizzat Malta? Tgħid għad nerġgħu naraw raħħal tal-mogħoż! Iżda f'Ħal Tarxien qatt mhu se titwieled mill-ġdid din l-industrija. Ma fadalx għelieqi aktar. Illum f'dan ir-raħal kullimkien inbena bil-ġebel, is-siment u aluminju. Ir-raħħala Tarxiniżi huma biss parti mill-istorja soċjali ta' Ħal Tarxien.

***Referenza:-***

*Anon, Mill-imgħoddi – il-Mogħoż, Il-Pulizija, Lulju – Awissu, 1985*

**For all kinds of statationery for back to school,greeting cards, top up cards,binding & USB photocopy, underwear & clothes, haberdashery , toys, gifts & novelties, newspaper, magazines & books, detergents & toiletries.**

**Annunzjata**

**One Stop Shop**

**Opening hours:**
**Monday to Saturday from 6am –12.30pm; 4.00pm -7.00pm**
**Sunday from 6am-12.30pm**

**Zejtun Road, Tarxien**
**Tel: 21800933**

**Prop. Carmen Pulis**

**For every €10 spent (excluding the sale of cigarettes, newspapers & top up cards) a point will be marked on a BONUS CARD and when the Bonus Card is completed with points our customer will benefit from a deduction of €15 from the bill.**